MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 21/1994/1

Liberato Zerafa, u b'degriet tas-16 ta' Lulju, 1998 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Rosina Cassar mart Emanuel ;
Emanuel Cassar ;
Frank Xuereb f'ismu proprio u bhala mandatarju tal-imsefrin Mary mart Charlie Buhagiar ;
Alice mart Moses Pantalleresco ;
Angela mart Antonio Camilleri ;
MaryJane mart Carmelo Buttigieg f'isimha proprio u bhala mandatarja tal-imsiefer Emanuel Azzopardi ;
Mary xebba Spiteri ;
Ronald sive Ronnie Spiteri ;
Francesco Spiteri f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-imsefrin John Spiteri u Emanuel Spiteri ;
Alfred Spiteri ; u
B'degriet tas-7 ta' Mejju 2001 Loreto Xuereb gie mdahhal bhala wiehed mill-atturi.
Vs
Francesco u Maria konjugi Buttigieg u b'degriet tat-18 ta' Marzu, 2003 gie ordnat li jizdied il-kliem "u permezz ta'

digriet tad-19 ta’ Frar, 2001 l-gudizzju gie trasfuz minn isem Francesco Buttigieg ghal isem ibnu Lawrence Buttigieg” .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhomx jigu kkundannati jizgombraw minn porzjon raba msejha “Ix-Xaghri ta’ Cordina”, fil-limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka tomnejn, pari ghal elfejn mitejn u erbgha u erbghin metri kwadri (2244m$^2$) u konfinanti mill-punent ma’ beni tal-werrieta ta’ Lorenzo Zammit Haber, Lvant ma’ beni tal-werrieta ta’ Loreto Zerafa u nofsinhar ma’ Triq Cordina kif soggetta ghal tletin centezmu (30c) piz, liema raba l-konvenuti qeghdin jokkupaw minghajr l-ebda titolu walidu fil-ligi .
Ghall-fini tal-kompetenza qieghed jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-istess porzjoni raba ma jaccedix is-somma ta’ ghaxar liri (Lm10) fis-sena .

Bl-ispejjez komprizi dakw tal-ittra ufficjali u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni debitament imharrka .

Rat in-nta ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi qabel xejn dawk kollha mill-atturi li qeghdin jidhru ghan-nom ta’ xi hadd iehor iridu jippruvaw il-mandat taghhom .

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-atturi jridu wkoll jippruvaw it-titolu taghhom ghall-proprjeta’ in kustjoni .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li din il-Qorti tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-porzjon raba’ deskritt fl-Avviz . Il-konvenuti, apparti eccezzjoni dwar il-htiega tal-prova tal-mandat fir-rigward ta’ whud mill-atturi, jikkontendu biss illi l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom .

Dwar l-ewwel eccezzjoni gew esebiti d-debiti prokuri kif jirrizulta mill-atti processwali u ghalhekk m’hemm ebda bazi legali ghall-istess .

Dwar il-prova tat-titolu ta’ l-atturi, giet esebita kopja ta’ kuntratt tas-26 ta’ Frar 1851 in atti Nutar Francesco Calleja (Dok. Z 1 a fol. 57 tal-process u kopja dattilografata Dok. Z 3 a fol. 229) . Minn dan l-att jirrizulta illi certi Francesco u Giuseppe ahwa Haber, ulied il-mejjet Marcello, u ohrajn, bhala censwalisti in perpetwita’ tal-proprjeta’ deskritta fl-istess kuntratt, u fost ohrajn terren maghruf bhala “**tal-Basla**” fil-kuntrada tal-Mgarr sive “**ta’ Cordina** jew Melita, liema proprjeta’ kienet registrata bil-numru 165 fil-kotba tas-sopressa Universita’, bhala d-direttarja taghhom, obbligaw ruhhom illi jhallsu c-cens annwu u perpetwu ta’ 3.6 skudi gravanti l-istess artijiet .

Flimkien man-nota ta’ sottomisjonijiet taghhom, l-atturi pprezentaw ukoll arblu genejologiku u diversi attijiet dwar stat tal-hajja ta’ l-antenati taghhom biex jippruvaw *nexus* dirett bejn l-ahwa Haber fuq imsemmija u Giovanna mart Michelangelo Zerafa nee’ Haber, omm jew nanna taghhom skond il-kaz (ara dokti. Z 4 sa Z 17 a fol. 230 – 242) .

Fil-kors tal-gbir tal-provi l-atturi kienu esebew ukoll kopja tad-denunzja tas-successjoni ta’ l-istess Giovanna Zerafa nee’ Haber, datata t-23 ta’ Novembru 1950, minn fejn jirrizulta illi fost il-beni taghha kien hemm ukoll :

“*Xghari ta’ Cordina limiti Ghajnsielem, tomnejn circa punent L. Zammit Haber u Loreto Zerafa ilvant, nofsinhar triq soggetta ghal 3/- lil Universita’, titkabbel L1.10 fis-sena*” (Dok. Z 2 a fol. 62) .

Il-konvenuti donnhom lanqas ma jikkontestaw din il-provenjenza u jidher illi jaccettaw bhala fatt illi r-raba *de quo* kienet originarjament tappartjeni lill-ahwa Haber imsemmija fil-kuntratt rikonjitorju hawn fuq citat . Imma sew fil-gbir tal-provi, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jaghtu x'wiehed jifhem illi huma wkoll komproprjetarji ta' l-istess raba, billi jsostnu illi l-konvenuta kienet imhallta ma' l-atturi b'konsangwinita', u ghalhekk donnhom jimplikaw illi l-art *de quo* kienet f'idejhom bhala komproprjetarji . Madankollu fl-ebda stadju tal-proceduri din l-allegazzjoni ma giet sostanzjata b'xi provi sodisfacenti .

L-atturi da parti taghhom taw spjegazzjoni dwar kif ir-raba in kwistjoni spiccat f'idejn il-konvenut . Irrizulta illi din l-art, flimkien ma' ohrajn provenjenti mill-wirt ta' Giovanna Zerafa nee' Haber, kienet f'idejn it-tifel taghha Giuseppe ghal zmien twil . Huh, l-attur Liberato Zerafa, illum mejjet, dakinhar kien imsiefer . Meta Giuseppe kiber fl-eta' u gie biex jerfa' mix-xoghol, u sadanittant Liberato kien irritorna mis-safar, il-konvenut avvicina lil ta' Zerafa biex jiehu f'idejh il-koltivazzjoni ta' dik ir-raba . Ta' Zerafa billi ma kienux nies tar-raba u anke minhabba l-persistenza tal-konvenut accettaw illi dan jahdem bi pjacir ir-raba li kellu f'idejh Giuseppe, bil-kundizzjoni li jirritornaha meta jitolbuhielu . Infatti rrizulta illi fil-mori tal-kawza wkoll, il-konvenut irrilaxxja a favur tal-familja Zerafa xi raba milli kienu fdawlu . Imma dik in kwistjoni baqa' ma riedx jerhiha .

Kif jirrizulta mix-xhieda u dokumenti prodotti mill-atturi, jidher illi din l-art kienet soggetta ghar-rata taghha minn cens perpetwu favur is-soppressa Universita', f'ammont ta' circa tliet *xelini .* Il-konvenut mistoqsi jekk jaghmilx xi tip ta' pagament fuq din l-art, deher pjuttost incert . Filwaqt illi insista li dan il-hlas la kien kera u lanqas qbiela, qal li kien ihallas xi zewg xelini jew tlieta kull tliet snin lil certu Ganni "tal-fenek" li kien jghaddihom lil Lorenzo Zammit Haber . Imma ta' dan il-hlas ma pproduca ebda ricevuta u Frans Zammit Haber, li ghandu raba fl-inhawi, imtella mill-atturi, cahad illi qatt sar xi hlas mill-konvenut .

Il-konvenut ressaq lil certu Ganni Azzopardi li kkonferma li gieli harat l-ghalqa *de quo* ghalieh fl-ahhar hmistax-il sena qabel xehed (fl-1996) . Qabel il-konvenut jiftakar lil Giuseppe Zerafa fl-ghalqa .

M'hemmx dubbju illi l-ghalqa in kwistjoni ilha ghal zmien konsiderevoli f'idejn il-konvenut . Billi rrizulta illi dan Giuseppe Zerafa miet fl-1972 (ara certifikat "Dok. FB 1 esebit mill-konvenut a fol. 203), zgur li llum ilu fil-pussess taghha ghal aktar minn tletin sena . Imma b'daqshekk il-konvenut baqa' ma ressaq ebda prova sodisfacenti dwar xi titolu li jista' jippretendi li ghandu fuq l-istess raba . Minn naha l-ohra l-atturi rnexxielhom jistabilixxu holqa ininterrotta bejn is-sidien originali, l-ahwa Francesco u Giuseppe Haber, (u mhux kontestat illi l-art kienet tassew tappartjeni lilhom), u Giovanna Zerafa, omm l-attur Liberato Zerafa u nanna ta' l-atturi l-ohra .

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk jirrizulta sodisfacentement illi l-prova tat-titolu da parti ta' l-atturi saret . Minn naha l-ohra ma jidhirx illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw l-art in kwistjoni b'xi titolu validu fil-ligi, imma b'semplici tolleranza . Ghalhekk m'hemm ebda raguni ghaliex it-talba ta' l-atturi m'ghandhiex tintlaqa' .

Ghaldaqstant, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tordna l-izgumbrament tal-konvenuti mill-ghalqa deskritta fl-Avviz fi zmien tliet xhur mill-lum, biex sa dakinhar ikun intlahaq ingabar il-wicc li jista' jkollhom il-konvenuti f'din ir-raba .

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------